# 23 għaqda jappellaw għal bżonn urġenti li tiġi rregolata s-sitwazzjoni ta' "free for all" fl-użu tal-Kannabis

L-iżviluppi riċenti madwar il-ħatra ta' Chairperson Eżekuttiv ġdid tal-Awtorità tal-Kannabis jikkonfermaw ir-riżervi qawwija tagħna li l-Gvern daħħal leġiżlazzjoni b'impatt kbir fuq is-soċjetà b'mod mgħaġġel u mingħajr ma ħoloq strutturi effettivi biex il-liġi tiġi implimentata. Sena wara li ġiet approvata l-liġi, il-perċezzjoni li l-użu tal-kannabis fis-soċjetà tagħna sar "free for all" żdiedet b'mod drammatiku filwaqt li jispikka n-nuqqas tal-istrutturi kkontemplati mil-liġi biex jirregolaw.

L-għaqdiet hawn taħt iffirmati jesprimu t-tħassib tagħhom li, wara l-isforz qawwi li sar biex tgħaddi il-liġi, il-Gvern ma weriex l-istess rieda biex jinvesti fir-riżorsi meħtieġa biex titwaqqaf Awtorità b'saħħitha li timplimenta l-liġi b'mod serju u responsabbli.

Nawguraw li l-Awtorità tal-Kannabis tingħata r-riżorsi meħtieġa biex tiżviluppa l-istrutturi xierqa biex tirregola settur daqshekk sensittiv b'mod li jipproteġi l-interessi tal-membri l-aktar vulnerabbli tas-soċjetà, partikolarment it-tfal u ż-żgħażagħ.

Inħeġġu wkoll lill-Gvern biex jisma' mis-soċjetà, partikolarment minn dawk l-għaqdiet li jaħdmu ta' kuljum mal-vittmi tal-effetti negattivi tal-użu ta' sustanzi, inkluż dak tal-kannabis.

**Caritas Malta**
**Fondazzjoni OASI**
**Richmond Foundation**
**Malta Employers Association**
**Anti poverty Forum**
**Alleanza Kontra l-Faqar**
**Gozo Tourism Association**
**Gozo Business Chamber**
**Dar Tal-Providenza**
**Millenium Chapel**
**Dar Merħba Bik**
**Fondazzjoni Sebħ**
**Malta Association of Psychiatry**
**Maltese Association of Social Workers**
**Kamra tal-Ispiżjara**
**Secretariat for Catholic Education**
**Church Schools Association**
**Independent Schools Association**
**Karl Vella Foundation**
**Dar Osanna Pia**
**Fondazzjoni Paolo Freire**
**St Jeanne Antide Foundation**
**Kummissjoni Ġustizzja u Paci**